RABAT

*KUNSILL LOKALI RABAT*

**MINUTI tal-Laqgħa A 04**
**Il-Kunsill iltaqa` nhar**
**Il-Gimgha 12 ta' Novembru fis-6.30 pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8 Triq l-Isptar, Rabat**

Data u ħin

**Preżenti għal-Laqgħa:**

Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Sandro Craus | Sindku (Rabat Malta) |
| Is-Sur Lino Pace Bonello | Chairperson |
| Is-Sur Anthony Grixti Soler | Vici-Chairperson |
| Is-Sur Christopher Farrugia | Membru |
| Is-Sna Cecilia Bonello | Membru |
| Is-Sna Etienne Stephania Gatt | Membru |
| Is-Sur Franco.M Azzopardi | Segretarju Ezekuttiv |

1.00 **Aprovazzjoni tal-Minuti A03**

1.01 Ic-Chairperson is-Sur Lino Pace Bonello ppropona li l-minuti tas-seduta numru A03 tal-Kumitat Aministrattiv ta' tal-Virtu' jittieħdu bħala moqrija. Din il-proposta ġiet issekondata mis-Sur Christopher Farrugia. Il-laqgħa approvat il-minuti A03.

2.00 **2. Korezzjonijiet tal-Minuti A03**

2:01 Minhabba li ma kienx hemm korrezzjonijiet, ic-Chairperson mar ghall-item li jmiss fuq l-Agenda.

3.00 **3. Punti Mqajjma**

3.01 Ic-Chairman, Is-Sur Lino Pace Bonello informa l-laqgha li kellu l-pjacir li jattendi ghall-ghoti tal-Fondi Specjali relatati ma' l-entratura ghal tal-Virtu'. Hu informa l-laqgha li l-Progett inkwistjoni gie evalwat u ghaldaqstant il-Kumitat Amministrattiv inghata €10,000 u l-bilanc jithallas meta l-Perit jiccertifika li twettaq il-Progett apparti li l-Kunsill Lokali jipprovdi dokumentazzjoni shiha dwar il-hlas lill-Kuntratturi.

Entratura Tal-Virtu'

3.02 Is-Sindku Sandro Craus qal li l-Kumitat Amministrattiv ghandu s-sapport tal-Kunsill u tieghu personali. Huwa qal li dan huwa il-bidu ta' zvilupp li ghandu jitwettaq go Tal-Virtu' fejn it-teknologija li ser tintuza fl-entratura biex tipprovda l-


8, Triq l-Isptar, Rabat RBT 1043, Malta Tel: (+356) 21455000 / 21451510 / 21454533
Fax: (+356) 21451945 e-mail: rabat.malta.lc@gov.mt

istreet lighting tista' tigi uzata fiz-zona Tal-Virtu'. B'inizjattivi bhal dawn, Tal-Virtu' jista' jrendi ruhi bhala mudell, u mudell ghaz-zoni u lokalitajiet ohra.

3.03 Is-Sindku Sandro Craus informa l-laqgha li l-Progett irid ikun komplut sat-30 ta' Novembru 2011.

3.04 Is-Sinjura Cecila Bonello staqsiet dwar il-progress tal-Bring-in-sites go Triq il-Buskett. Is-Sindku Sandro Craus informa l-laqgha li minhabba l-abbuz li qed isir ser jitnehhew is-seperation bins minn go Triq il-Buskett waqt li l-bins ta' hdejn is-Seminarju ser jiccaqalqu minn fejn huma. Bring-in-Site

3.05 Ic-Chairperson, Is-Sur Lino Pace Bonello issugerixxa li l-item dwar l-izvilupp fis-Seminarju ta' l-Arcisqof jigi diskuss taht l-item rispettiv.

4.00 **<u>4. Zviluppi dwar il-progett ta' bini ta' Skola gewwa s-Seminarju (PA 00498/10)</u>**

4.01 Ic-Chairperson, is-Sur Lino Pace Bonello introduca l-item fuq l-Agenda hawn fuq imsemmi. Hu informa l-laqgha li kien iltaqa' ma' l-Action Group tar-residenti Tal-Virtu' li inraprezentanza ta' residenti qeghdin iressqu lmenti lil diversi entitajiet inkluz l-Arcisqof ta' Malta, fejn qieghed jigi jinghad li l-Progett imsemmi huwa kontra l-pjan ta' zvilupp tal-Majjistral, apparti li qieghed kontra r-regolamenti tal-MEPA dwar zvilupp f'Tal-Virtu'. Is-Sindku Sandro Craus ta spjega dwar l-urgenza li tinbena Skola Primarja fis-Seminarju li torbot mar-riforma edukattiva li l-Gvern Centrali qieghed iwettaq. Hu kompla biex qal li hemm numru ta' Skejjel Sekondarji li jaghzlu li ma jaghmlux Skola Primarja u ghaldaqstant studenti li jidhlu go dawn l-iskejjel jidhlu permezz tal-polza. Dawn jinkludu fost ohrajn is-Savio College, Skola Ellias, St. Albert the Great College fost ohrajn. Is-Seminarju ta' l-Arcisqof, San Alluigi u Sant'Agata huma t-tlett skejjel fejn ghazlu li jaghmlu Skola Primarja fejn l-istudenti li jidhlu fi Skola Primarja jibqghu telghin u jidhlu fl-iskola Sekondarja. L-iskola San Alluigi minflok bnew Skola Primarja inghaqdu ma Skola Primarja ohra fejn l-istudenti fi Skola Primarja jibqghu telghin ghal go Skola Sekondarja. Is-Seminarju, l-Iskola ta' Santu Wistin u Sant'Agata ppreferew li jibnu l-iskola taghhom fuq l-art taghhom biswit l-Iskola Sekondarja. Zvilupp Skola Primarja Seminarju

4.02 Is-Sur Christopher Farrugia informa lil dawk prezenti li anke x'hin naraw ir-rapport tal-Case Officer dan huwa mimli b'kazijiet fejn ir-regoli ta' MEPA huma miksura apparti l-fatt li ma nghatatx konsiderazzjoni lill-pjan ta' zvilupp ghall-Majjistral. Tal-Virtu' huwa konsidrat bhala zona bi prijorita' residenzjali u sahansitra l-ebda stabilliment kummercjali ma jista' jiftagh f'din iz-zona. L-gholi tal-bini kif propost ghas-Seminarju hu kontra l-istess pjan ta' zvilupp li jindika li ma jistax ikun hemm gholi ta' bini li jaffettwa l-vizwal tal-post.

4.03 Is-Sindku Sandro Craus semma' li l-Kunsill Lokali huwa bi shih favur ir-residenti u jimxi spalla ma spalla mar-residenti partikolarment f'din il-kwistjoni. Is-Sur Lino Pace Bonello, Chairperson, inghaqad mas-Sindku f'dan is-sentiment li f'isem il-Membri tal-Kumitat Amministrattiv dawn ikunu flimkien mar-residenti dwar din il-kwistjoni wkoll, u kull kwistjoni ohra li taffettwa lir-residenti f'Tal-Virtu'. X'hin is-Sindku Sandro Crasu staqsa x'kien mistenni mir-residenti jew mill-Action Group is-Sur Christopher Farrugia qal li wasal iz-zmien li isir protest gudizzjarju kontra dan l-izvilupp. Is-Sindku Sandro Craus qal li ser jikkonsulta ma' l-Avukat tal-Kunsill rigward dan il-protest u jerga' jinforma lill-Action Group permezz tas-Sur Farrugia. Kompla biex qal li hu lest flimkien mal-Kumitat Amministrattiv, l-Action Group u r-residenti ghandu jsir Press Conference bhala azzjoni ahharija f'din il-kwistjoni.

4.04 Is-Sindku Sandro Craus innota li kien hemm Membri ta' l-Action Group li jirraprezentaw lir-residenti u ssugerixxa li tigi sospiza l-Agenda biex dawn is-Sinjuri jaghtu l-hsibijiet taghhom dwar dan il-kaz. Ic-Chairperson, is-Sur Lino Pace Bonello, talab lil dawk il-Membri prezenti biex tigi sospiza l-laqgha. Il-Membri tal-Kumitat Amministrattiv approvaw u l-laqgha giet sospiza.

4.05 Wara d-diskussjoni miftugha ma dawk il-persuni li kienu prezenti inraprezentanza ta' l-Action Group tar-residenti ta' Tal-Virtu', il-Membri qabblu li ghandu jsir Protest Gudizzjarju u li ghandna nheggu lir-residenti biex jattendu ghal kwalunkwe sejha bhal fil-kaz ta' Press Conference.

4.06 Is-Sinjura Cecilia Bonello rrakommandat li ghandha tinghata importanza lit-Traffic Management, minhabba l-volum tal-popolazzjoni ta' l-istudenti ser titripla u daqstant iehor ikun hemm zieda fil-moviment tat-traffiku f'Tal-Virtu'. Is-Sindku Sandro Craus kompla qal li t-Traffic Management ghandu jibqa' sejjer sahansitra sa' Triq Gorg Borg Olivier u 'l barra mir-Rabat. Biz-zewgt iskejjel fis-Seminarju u Sant'Agata, r-Rabat ser ikun affettwat b'mod negattiv bil-passagg ta' vetturi minn got-toroq tar-Rabat fejn il-popolazzjoni ta' studenti f'Sant'Agata u s-Seminarju ser jizdiedu b'tali li ser jigbru trasport ta' studenti permezz ta' coaches, mini vans u vetturi tal-genituri li ser jghaddu minn got-toroq tar-Rabat.

4.07 Gie deciz li l-laqgha li jmiss ghandha tkun ghal nhar il-Gimgha 19 ta' Novembru fejn jigu diskussi xi zviluppi li jkunu saru fuq l-istess suggett matul il-gimgha.

5.00 **5. Zviluppi fi progett ta access ghal tal-Virtu' (Memo 094/2010)**

5.01 Minhabba li din l-item giet diskussa f'Punti Mqajjma, ic-Chairperson mar ghall-item li jmiss fuq l-Agenda.

6.00 **6. Affarijiet Ohra**

6.01 Is-Sur Christpher Farugia flimkien ma' Dr. Anthony Grixti Soler, tkellmu dwar is-sigurta' fiz-zona ta' Tal-Virtu', fejn gie propost li jigu nstallati tlett CCTV fl-entraturi Tal-Virtu', igifieri wahda fid-dahla ma Triq Carlo Fiamingo, l-ohra Triq Godwin Ganado u l-ohra min-naha ta' Triq tal-Virtu'. Gie mfakkar li hemm access iehor min-naha ta' Wied l-Isqof, biss li dik giet deciza li hija one-way 'l isfel u ghaldaqstant il-htiega m'hiex daqstant bzonnjuza. Intqal li ghandna nikkonsidraw li dawn il-cameras jigu sponsorjati minn kumpaniji ta' l-assigurazzjoni u isem l-isponsor jigi ppublikat fost ir-residenti. Sigurta'

7.00 **7. Aggornament**

7.01 Minhabba li l-Agenda giet ezawrita l-laqgha giet aggornata ghat- 12 ta' Novembru fid-9.15 pm. Aggornament

**Lino Pace Bonello**
**Chairperson**

**Franco.M Azzopardi**
**Segretarju Eżekuttiv**